MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2011

Rikors Numru. 1135/2011

**Dr. Ann Fenech ghan-nom u in rappresentanza tal-bank esteru Danske Bank A/S**
**vs**
**Il-bastiment Thor Spirit**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-bank rikorrenti tas-17 ta’ Novembru 2010 li jghid hekk:

Illi l-bank rikorrenti huwa kreditur tal-bastiment intimat fl-ammont ta’ Euro 4,794,567.41 (Erba’ miljuni, seba’ mija u erbgha u disghin elf, u hames mija u sebgha u sittin Euro u wiehed u erbghin centezmu;

Illi dan il-kreditu huwa naxxenti in segwitu ta’:

1. Kuntratt ta’ Self (“Loan Agreement”) datat 9 ta’ Mejju 2008 u Addendum ghall-imsemmi Loan Agreement datat 26 ta’ Marzu 2010, bejn il-bank rikorrenti (“il-Kreditur”) u

s-sid tal-bastiment intimat, K/S Dania Spirit tad-Danimarka ("id-Debitur"), permezz ta' liema kuntratt il-Kreditur avvanza facilita' bankarja b'titolu ta' self lid-Debitur. Skond dan il-Loan Agreement, id-Debitur obbliga ruhu li jirrestitwixxi u jrodd lura l-ammonti mislufa lill-Kreditur, taht il-pattijiet u kundizzjonijiet li jirrizultaw mill-Loan Agreement;

2. Ftehim rigwardanti Over Draft Facility datat 9 ta' Mejju 2008 konkluz bejn id-Debitur u l-Kreditur permezz ta' liema ftehim il-Kreditur sabiex jassisti lid-Debitur fl-operat tal-bastiment Thor Spirit estenda "Overdraft Facility" lill-Debitur ("Credit Agreement") kif ukoll "New Revolving Credit Facility" moghtija bhala rizultat tar-rifinanzjament tas-26 ta' Marzu 2010 liema "New Revolving Credit Facility" giet inkorporata direttament fil-"Loan Agreement" permezz tal-fuq imsemmi addendum;

3. "Mortgage" Malti, ossia ipoteka navali, li gie registrat fir-rigward tal-bastiment Thor Spirit fir-registru tal-bastiment merkantili f'Malta datata 15 ta' Mejju 2008 u dan in kawtela tal-obbligi naxxenti mill-fuq imsemmi Loan Agreement, u "Amended Mortgage" registrata fir-Registru Malti fis-26 ta' Marzu 2010 liema mortgages ai termini ta' artikolu 42(2) huma titoli ezekuttivi: "A registered mortgage shall be deemed to be an executive title for the purposes of article 253 of the Code of Organisation and Civil Procedure.";

4. "Deed of Covenants" datat l-15 ta' Mejju 2008, maghmul bejn il-Kreditur u s-sid tal-bastiment intimat, K/S Dania Spirit, kif ukoll "Supplemental Deed of Covenants" datata 26 ta' Marzu 2010;

5. Illi d-Debitur naqas milli jhallas il-pagamenti kollha dovuti kif obbligat jaghmel u ma osservax il-kondizzjonijiet u l-pattijiet kollha assunti taht il-fuq imsemmija kuntratti u ghalhekk jezisti "default" taht l-istess Loan Agreement, New Revolving Credit Facility, Supplemental Deed of Covenants, u Amended Mortgage;

6. B'ittra datata 30 ta' Gunju 2011, is-sid tal-bastiment intimat gie notifikat permezz ta' "Termination Letter" illi kien hemm numru ta' "defaults" taht il-fuq imsemmija kuntratti bil-konsegwenza illi l-ammonti kollha mislufa saru dovuti immedjatament;

7. Dawn l-ammonti baqghu ma thallsux u s-sidien tal-bastiment intimat baqghu sa' llum inadempjenti;

8. Illi permezz ta' ittra ufficjali ppresentata fir-registru ta' dina l-Onorabbli Qorti fil-19 ta' Lulju 2011, notifikata lis-sidien tal-bastiment K/S Dania Spirit tramite r-"resident agent" f'Malta Mrs. Miriam Camilleri (ID 688059M) fl-21 ta' Lulju 2011, il-bank rikorrenti interpella lis-sidien tal-bastiment sabiex ihallsu l-ammont dovut, izda s-sidien sal-lum baqghu inadempjenti. Kopja legali ta' dina l-ittra ufficjali tinsab hawn annessa bhala Dokument AF2 inkluz kopja tal-affidavit li permezz tieghu il-Bank rikorrenti ghall-finijiet u effetti kollha tal-artikolu 42(4) tal-Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta'Malta iddikjara u kkonferma li l-kreditu favur il-bank kreditur huwa cert, likwidu u dovut. Kif jidher minn dan l-affidavit allacjat mal-ittra ufficjali bhala Dokument B, hemm kopji tad-dokumenti kollha rilevanti u cioe, il-Loan Agreement (mmarkata Exhibit 1) u l-Addendum ghall-Loan Agreement (mmarkata Exhibit 5), il-Credit Agreement (anness bhala Exhibit 2), id-Deed of Covenants kif ukoll s-Supplemental Deed of Covenants (mmarkati Exhibit 4 u 8), il-mortgage (annessa bhala Exhibit 3), l-amended mortgage (annessa bhala Exhibit 7) u t-Termination letter (annessa bhala Exhibit 9);

9. Illi nonostante n-notifika tal-fuq imsemmija ittra ufficjali, s-sidien tal-bastiment Thor Spirit baqghu inadempjenti u ghalhekk ai termini ta' artikolu 253 et seq tal-Kap. 12 il-mortgage fuq il-bastiment Thor Spirit registrat favur il-bank rikorrenti, liema mortgage kif gja intqal hawn fuq huwa titolu ezekuttiv, issa gie rez ezegwibbli;

10. Illi in kawtela tal-kreditu dovut, il-bank rikorrenti ottjena l-hrug ta' Mandat ta' Arrest ta' Bcejjec tal-Bahar numru 894/11 kontra l-bastiment MV Thor Spirit fil-4 ta' Lulju 2011, li gie ezegwit dak inhar stess. Il-mandat

kawtelatorju sussegwentament gie rez wiehed ezekuttiv permezz tal-presentazzjoni ta' Nota fl-1 ta' Awwissu ai termini tal-artikolu 838B tal-Kap. 12 fir-registru ta' dina l-Onorabbli Qorti kif milqughha minn dina l-Onorabbli Qorti fit-2 ta' Awwissu 2011. Kopja ta' dina n-Nota flimkien mad-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti huma hawn annessi u mmarkati Dokument AF3. Il-bastiment MV Thor Spirit jinsab ghalhekk maqbud f'din il-gurisdizzjoni kif jirrizulta mir-riferta tal-marixxal hawn anessa u mmarkata Dokument AF4;

11. Illi in vista tal-fatt li ma sar ebda hlas favur il-bank rikorrenti, l-istess bank issa jixtieq jenforza t-titolu ezekuttiv li ghandu permezz tal-bejgh tal-istess bastiment Thor Spirit, approvat mill-Qorti ai termini ta' artikoli 358 sa 364 ta' Taqsima 1, Titolu VII sub-titolu V tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili "Fuq il-bejgh approvat mill-Qorti ghall-vapuri, bastimenti u ingenji tal-ajru.";

12. Illi ai termini ta' artikolu 358 din l-Onorabbli Qorti fuq rikors ta' kreditur b'titolu ezekkuttiv, ghandha s-setgha tapprova l-bejgh privat ta' vapur favur xerrej identifikat u bil-hlas ta' prezz determinat;

13. Illi ai termini ta' artikolu 359 ir-rikorrenti qed jippresenta ma' dan l-istess rikors, zewg stimi kif mitluba mill-ligi ta' zewg stimaturi indipendenti u ta' fama liema stimi jindikaw li l-valur fuq is-suq prezenti u attwali tal-bastiment Thor Spirit fil-kundizzjoni li jinsab fiha l-bastiment, huwa ta' bejn US$1,300,000 u US$1,500,000. Illi z-zewg stimaturi huma:
a. l-Ing. Paul Cardona li ta stima fis-somma ta' USD $1,300,000 (miljun u tlett mitt elf dollaru Amerikan) kopja annessa u mmarkata bhala Dokument AF5
U
b. Is-socjeta internazzjonali Germaniza Ingenieurbüro Weselmann GmbH li taw stima fis-somma ta' US$1,500,000 (miljun u hames mitt elf dollaru Amerikan) kopja annessa u mmarkata bhala Dokument AF6;

14. Illi l-bank rikorrenti irnexxielu nonostante s-suq xejn felici ta' bastimenti second hand, isib xerrej li hu ppreparat

ihallas is-somma ta’ USD $1,700,000 ghall-dan il-bastiment u cioe US$200,000 aktar mill-ghola stima;

15. In vista tal-prezzijiet baxxi ferm li ghalihom qeghdin imorru l-bastimenti f’subbasti gudizzjarji, jidher car li huwa ta’ beneficcju sostanzjali ghall-kredituri kollha tal-bastiment Thor Spirit li dan il-bastiment jinbiegh b’mod privat fejn jistgha jinbiegh ghal US$1,700,000, (aktar miz-zewg stimi li nghataw) u meta kieku kellu l-istess bastiment jinbiegh b’subbasta jmur ghall-ferm anqas mill-istimi li saru u hawn fuq deskritti;

16. Ghalhekk qed jigi sottomess li l-prezz ta’ US$1,700.000 huwa ragonevoli ferm fic-cirkostanzi tal-kaz;

17. Ghalhekk fil-11 ta’ Novembru intlahaq ftehim preliminari u cioe Memorandum of Agreement, bejn il-bank rikorrenti Dankse Bank A/S u s-socjeta’ Maltija Agata Shipping Ltd (C-54364), fejn is-socjeta Maltija kkonfermat li hija lesta tixtri il-bastiment ghas-somma ta’ US$1,700,000 (miljun u seba’ mitt elf dollaru Amerikan) u dan skond il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess ftehim (kopja annessa u mmarkata bhala Dokument AF7) inkluzz il-kundizzjoni li l-bejgh ikun jista’ jsir biss jekk jigi approvat min din l-Onorabbli Qorti ai termini ta’ artikolu 358;

18. Illi ai termini ta’ artikolu 360 dan ir-rikors qed jigi notifikat lil kull min ghandu interess f’dan il-bastiment kif maghrufa lil-bank rikorrent u cioe, lis-sidien tal-istess bastiment, lir-registratur tal-bastimenti merkantili, u lil Knit Shipping Ltd tramite Dr. Paul Micallef Grimaud il-mandatarju specjali tal-istess socjeta;

Ghalhekk bl-akbar rispett u umilta lejn l-awtorita ta’ din l-Onorabbli Qorti r-rikorrenti nomine titlob:

1. Illi ai termini ta’ artikolu 358, il-Qorti tapprova l-bejgh privat tal-bastiment Thor Spirit lis-socjeta Agata Shipping Ltd bil-prezz ta’ US$1,700,000 skond it-termini u l-

kundizzjonijiet stipulati fil-Memorandum of Agreement datat 11 ta’ Novembru 2011;

2. Illi ai termini ta’ artikolu 362, il-Qorti fid-digriet ta’ approvazzjoni tal-bejgh tahtar persuna li b’hekk tkun intitolata tittrasferixxi l-vapur skond l-istess termini u kundizzjonijiet u dan bhallikieku kien is-sid registrat tieghu bl-effetti kollha stipulati fil-ligi partikolarment, artikolu 364;

Rat illi dan ir-rikors gie notifikat lil partijiet interessati cioe lil bastiment intimat, lil Mrs. Miriam Camilleri bhala agent f’Malta tas-sidien tal-bastiment K/S Dania Spirit, tal-Knit Shipping Limited li wkoll huma kredituri;

Rat illi Miriam Camilleri noe u rapprezentant tal-bastiment ma ipprezentaw ebda risposta u anqas dehru ghas-seduta tad-29 ta’ Novembru 2011;

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta’ Novembru 2011 fejn Dr. Paul Micallef Grimaud ghal Knit Shipping Limited irrimetta ruhu ghal gudizju tal-Qorti;

Rat illi Dr. Ann Fenech ghal bank rikorrenti ddikjarat li ma ghandhix x’izzid ma’ dak pprezentat fl-atti;

Rat li r-rikors thalla ghad-digriet finali;

**Ikkunsidrat**

Illi dan hu rikors maghmul taht l-artikolu 358 tal-Kapitolu 12 li jaghti jedd lil Qorti li wara rikors tal-kreditur li ghandu titolu ezekuttiv tapprova l-bejgh privat ta’ vapur favur xerrej identifikat bi hlas ta’ prezz determinat.

L-ewwel element li jrid jigi sodisfatt ghalhekk hu l-kreditu u li fuq dan il-kreditu l-kreditur jgawdi titolu ezekuttiv.

Il-bank rikorrent esebixxa loan agreement bl-addendum tieghu, il-credit agreement, id-deed of covenants u s-supplemental deed of covenants u mortgage u amended mortgage registrat fir-Registru Malti fis-26 ta’ Marzu 2010.

Id-debitur naqas li jhallas il-pagamenti dovuti fuq il-loan agreement, il-credit facility u deed of covenants u ghalhekk kien responsabbli ghal default skond l-imsemmija ftehim u fit-30 ta’ Gunju 2011 sid il-bastiment gie notifikat bit-termination letter.

B’ittra ufficjali tad-19 ta’ Lulju 2011 giet notifikata Miriam Camilleri bhala ’resident agent’ tas-sidien tal-bastiment biex jitallas l-ammont dovut cioe €4,794,567.41 izda baqghet inadempjenti. Din l-ittra ufficjali saret ukoll a tenur tal-artikolu 42(4) tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta’ Malta fejn il-kreditur biex isegwi l-procedura odjerna skond l-artikolu 358 tal-Kap. 12 irid jispecifika s-somma dovuta permezz ta’ affidavit notifikat lid-debitur ipotekarju sabiex jigi determinat l-ammont cert, likwidu u dovut in konnessjoni ma’ esekuzzjoni ta’ ipoteka navali.

Peress illi ipoteka navali hi titolu ezekuttiv ai termini tal-artikolu 42(2) tal-Kap. 234, jidher ippruvat mid-dokumenti w intimazzjonijiet li saru illi l-bank rikorrenti ghandu kreditu li fuqu jgawdi titolu ezekuttiv.

Il-bank rikorrenti qed jitlob li jigi awtorizzat ibiegh il-vapur Thor Spirit proprjeta tad-debituri b’mod privat cioe mhux b’subbasta tal-Qorti. Ghal dan il-ghan hu esebixxa fl-atti zewg stimi indipenenti tal-valur tal-vapur cioe wahda tal-Inginier Paul Cardona u l-ohra tas-socjeta internazzjonali Germaniza Ingenieurbüro Weselmann GmbH u dan kif jitlob l-artikolu 359 tal-Kapitolu 12. L-oghla minn dawn l-istimi hu ta’ US$1,500,000.

Il-bank rikorrenti qed jitlob li jsir il-bejgh tal-vapur lis-socjeta Agata Shipping Limited bil-valur ta’ US$1,700,000. Din l-offerta hi oghla mill-akbar stima indipendenti, liema stima din il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tiddubita minnha. L-offerta hi aktar minn ragonevoli fic-cirkostanzi prezenti tal-qaghda finanzjarja dinjija, u l-kreditur l-iehor maghruf, cioe Knit Shipping Limited irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti.

Il-Qorti ma ssibx raguni ghalfejn dan il-bejgh ma ghandhux isir fit-termini tal-ftehim preliminari u cioe Memorandum of Agreement kif hu esebit fl-atti.

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tordna l-bejgh privat tal-bastiment Thor Spirit lis-socjeta Agata Shipping Limited bil-prezz ta' US$1,700,000 skond it-termini u kondizzjonijiet stipulati fil-Memorandum of Agreement datat 11 ta' Novembru 2011, li hu esebit l-atti liema bejgh ghandu jaghti lix-xerrej titolu mhux aggravat minn kull privilegg jew piz ai termini tal-artikolu 364 tal-Kap. 12.

Ghal fini tat-tieni talba tahtar lil avukat Dr. Kevin Camilleri Xuereb sabiex ai termini tal-artikolu 362 jkun intitolat jitrasferixxi l-vapur skond il-kondizzjonijiet fuq imsemmija fil-Memorandum of Agreement tal-11 ta' Novembru 2011 bhallikieku kien is-sid registrat tieghu bl-effetti kollha stipulati senjatament dawk tal-artikoli 363 u 364 tal-Kap. 12.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------